# Jinstab it-Tomato Brown Rugose Fruit Virus (ToBRFV) f'Malta

Il-virus tal-frott imkemmex u kannella tat-tadam, magħruf bħala Tomato Brown Rugose Fruit Virus (ToBRFV) huwa virus relattivament ġdid li jaffettwa prinċiparjament żerriegħa, xitel u pjanti tad-tadam u l-bżar. Wara numru ta' testijiet mid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti, riċentament dan il-virus gie interċettat lokalment fix-xitel tat-tadam.

Dan il-virus jiġi trasmess permezz ta' kuntatt bejn żrieragħ, xtieli jew pjanti ikkontaminati u dawk f'saħħithom. Dan ifisser li użu ta' makkinarju u għodda fuq pjanti infettati huwa mezz ta' tixrid għal pjanti oħra, kif ukoll kontejners u apparat ieħor li jintuża għat-trasferiment ta' pjanti minn post għall-ieħor. B'hekk huwa importanti li jkunu segwiti protokolli ta' ndafa u iġene, kemm fuq il-makkinarju u l-għodda fis-serer, kif ukoll il-bidwi nnifsu. Għal iktar dettalji fuq dan il-virus tista' żżur is-sit: https://gd.eppo.int/taxon/TOBRFV/datasheet.

Is-sintomi u s-severita' ta' infezzjoni ta' ToBRFV huma varji u jiddependu fuq, l-istadju ta' żvilupp tal-pjanta, iż-żmien ta' infezzjoni, l-kundizzjonijiet ambjentali u l-ispeċi li qed tiġi kkultivata. Uħud mis-sintomi komuni huma:

| <u>Fuq il-Weraq</u> | <u>Fuq il-Frott</u> |
|---|---|
| Klorozi u disinn bħal mużajk | Tbajja' jew vini sofor |
| Tbajja' skuri | Tbajja' skuri fuq frott aħdar |
| Tinxif u sfurija | Rqajja' mkemxin |
| Mewt tal-pjanta | Produzzjoni mnaqqsa |
| Deformazzjoni, nfafet u tikmix | Deformazzjoni u maturazzjoni irregolari |




Sintomi ta' ToBRFV fuq: (A) il-frott tat-tadam (B) il-weraq tat-tadam

Għal iktar informazzjoni u f'każ ta' suspett ta' mard fil-pjanti tiegħek ikkuntattja lid- Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti fuq l-imejl plantquarantine@gov.mt jew ċempel fuq 22926533.